**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 47 –Kontinwazzjoni**

**Il-ĦAMIS 25 TA' SETTEMBRU FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNUAD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier A. Chetcuti kien skużat minħabba raġunijiet ta'xogħol.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ipprezenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier issuġerixxa li traffic calmer fi Triq il-Qasam tersaq bi 3 metri l'isfel mit-tabella li turi STOP. Huwa nforma wkoll li xi residenti avviċinawh sabiex traffic calmers fi Triq is-Swieqi jitbaxxew peress li għal ċertu karozzi qed jħokk il-qiegħ. Wara diskuzzjoni, gie deciz li dawn jitbaxxew wara li ssir konsultazzjoni mat-Transport Malta li kienu approvaw l-installazjoni ta' dawn it-traffic calmer fi 22 ta' Ottubru 2004 ( dak iz-zmien kienu ADT) hekk kif indika il-Kunsillier A. Curmi. Il-Kunsillier informa li ahjar jigu pprezentati l-pjanti originali. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dawn l-oterazzjonijiet.

2. Huwa ssuġerixxa sabiex fi Triq l-Ibrag fil-viċinanza tal-BOV, hdejn il-Knsija u hdejn l-HSBC jiġu nstallati stands tal-ħadid fejn jkunu jistgħu jintrabtu r-roti. Il-Kunsill unanimament qabel.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat, li fil- jiem li għaddew, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa li saret ma' l-uffiċċjal tal-Caritas dwar il-konferenza li pjanata li ssir fil- 21 ta' Novembru 2014. Il-Kunsillier informa li qed jistenna l-feedback ta' l-uffiċċju tal-President sabiex jkollu konferma fejn se titella' din l-istess konferenza. Fil-jiem li gejjin se ssir wkoll laqgha mas-Sedqa.

4. Il-Kunsillier informa li l-assocazzjoni internazzjonali ECAD, infurmaw permezz ta' email li se ssir laqgħa tal-Bord Ezekuttiv. Huwa nforma li ma setax jattendi peress li giet avzata wisq fil-viċin. Huwa ġie nfurmat ukoll li din il-laqgħa kienet dwar il-laqgħa annwali li se ssir fix-xhur li ġejjin.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Fava- ikompli

5. Rigward il-festi tal-Milied, il-Kunsillier issuġerixxa sabiex din is-sena, il-Kunsill jorganizza diveri attivitjiet żgħar sabiex tinħoloq aktar atmosfera fil-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir laqgħa nhar l-Erbgħa 1 ta' Ottubru sabiex tiġi diskussa din il-materja biss. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li diġa' bdew il-preparamenti sabiex tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet tad-dawl dekorattiv tal-Milied .

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier infurmat li hija flimkien mal-volutnitera tas-soltu bdew il-preparamenti sabiex jitwettaq il-programm ta' ħargiet għar-residenti ghas-sena 2014/2015.

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier informa li ċ-ċirkulari ta' l-Art for All hija ffinalizata u għaldaqstant hemm bżonn li tintbagħat mill-aktar fis sabiex ir-residenti jkollhom ċans japplikaw. Huwa nforma wkoll li hemm bżonn li jinxtraw injam sabiex iservu ta' saqajn għall-imwejjed. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jordnaw dawn.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Hija staqsiet sabiex ssir kommunikazzjoni mat-TM dwar il-possibilta' ta' pedestrian crossing hekk kif taqbez l-ex-lukanda Forum qabel l-entratura ta'Triq tal-Mielah. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inakirgu li jinforma it-TM.

**II APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.78 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.A), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati minn barra dawk li ghad irridu jsiru xi kjarifikazzjonijiet.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li skond l-aħħar informazzjoni li ingħata mis-Sur G. Abdila, Reġjun Tramuntana, il-kuntratt ta' mauntenzjoni tad-dawl għandu jiġi estiż sa l-ahhar tas-sena. Huwa pprezenta korrispondenza mir-Regjun Tramuntana dwar din il-materja.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li fl-aħħar jiem, il-Kunsill irċieva 2 kwotazzjonijiet ghall-manifattura ta' kċina fil-bini l-ġdid tal-Kunsill (imniżżlin hawn taht):

   - Blue Sky Furniture – €1610.00
   - J. Pace - €2611.00
   - Keith Vela - €1711.00

   Wara diskuzzjoni ġie deċiż li tiġi magħżlua l-offerta tal-Blue Sky Furniture. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. <u>Approvazzjoni ta' Quartelry Reports</u>

   Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta il-Quarterly Report għat-tieni kwart ta' din is-sena. Huwa nforma wkoll li dan intbagħat permezz ta' email minn qabel lil kull Kunsillier. Wara diskuzzjoni, is-Sindku ppropona li dan ir-rapport jiġi approvat u l-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan imma gie deciz li ssir laqgha ma' l-Accountant sabiex dan jkompli jigi diskuss. Din il-laqgha pjanata li ssir nhar il-Hamis 16 ta' Ottubru 2014.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm u sar aġġornament
għad-dati msemmija hawn taħt:

- 01.10.14 – Christmas Village
- 16.10.14 – Financial Position
- 23.10.14 – Laqgħa tal-Kunsill

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU